# Parroċċa
# Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# Burmarrad

***LEĦEN IL-PARROĊĊA - ĠUNJU O9 - NRU. 323***

Il-Paċi magħkom,

Ġunju; Żmien il-Festa titulari tal-Parroċċa tagħna. Għadna kemm għexna iż-żmien sabiħ tal-Għid u għalaqna dan iż-żmien ferm sabiħ bil-festa ta' Pentekoste, fejn l-Ispirtu s-Santu jerġa' jġeddidna bil-qawwa tiegħu. Għandna għalfejn nirringrazzjaw lill-Mulej tal-opportunitajiet li aħna bħala Parroċċa qed ikollna. Permezz tal-grupp tal-Youths li għandna fil-Parroċċa ħadna sehem f'attivita' nazzjonali li saret ġewwa San Pawl il-Baħar. Dawn mexxew it-Talb ta' filgħaxija permezz ta' kant u qari. Grazzi lilhom u lil dawk ukoll li kienu ushers f'din l-attivita għaliex b'hekk il-parroċċa iżjed tieħu l-isem mistħoqq li aħna parruċani għandna għalfejn inkunu kburin bih.

Marija mimlija bl-Ispirtu s-Santu, qawwa verament li tagħtik dak kollu li wieħed jinħtieġ biex ikompli jaħdem fl-għalqa tal-Mulej. Marija wkoll timla lilna parruċċani tagħha b'dan il-kuraġġ, hija qiegħda magħna f'kull okkażjoni, f'kull mument tal-ħajja tagħna, dejjem lesta tagħti l-għajnuna tagħha f' dak kollu li aħna jkollna bżonn.

Wieħed irid jitgħallem mill-esperjenza tagħha, u mhux jieqaf hemm imma rridu napplikaw il-valuri, l-imħabba, l-umilta', is-sabar, il-ħniena, il-kuraġġ li hija kellha fil-ħajja tagħha; u dan hija għamlitu għaliex kienet mimlija bl-Ispirtu s-Santu. Hekk ukoll għeżież, aħna mimlijin bl-Ispirtu s-Santu, mela ejjew flimkien inkomplu naħdmu biex fina jsaltnu l-paċi u l-imħabba bejnietna l-parruċani. Ejjew fejn naraw li hemm bżonn l-għajnuna nkunu lesti li nagħtuha. Tajjeb li ma noqogħdux lura milli nwettqu r-rieda tal-Missier fil-ħajja tagħna.

Jiena minn qalbi flimkien ma' ħuti l-patrijiet u l-kunsill parrokjali pastorali nixtieqU nawguraw lil kullħadd il-Festa Tajba mimlija barka u sliem mingħand Il-Mulej Gesu' bl-interċessjoni ta' Marija Santissma.
Awguri mill-Qalb.

P. Donald M. Bellizzi OFM. Conv. — Kappillan

# Attivitajiet għal matul Ġunju '09

**Il-Ġimgħa 5:** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 6:** **L-Ewwel Sibt tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.

**It-Tlieta 9:** Laqgħa Kunsill Pastorali Parrokjali: 7.30pm fis-sala tal-Knisja, inħeġġeġ lill-membri kollha biex ikunu preżenti.

**Il-Ġimgħa 12:** **Festa Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'**
fil-5.00pm Espożizzjoni tas-Sagrament, 6.00pm Ħsibijiet fuq il-Qalb ta' Ġesu', Ruzarju, Barka Sagramentali u Quddiesa.

**Is-Sibt 13:** **Festa ta' Sant Antnin ta' Padova:** 9.30am Quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa fejn jiġi mbierek il-ħobż ta' Sant Antnin u mogħti lit-tfal, wara Quddiesa jsir ftit logħob għat-tfal jew fuq iz-zuntier jew fil-bitħa jiddependi mit-temp.

**Il-Ħadd 14:** **Solennita' ta' Corpus Cristi**
Wara l-quddiesa tat-8.30am jiġi espost is-sagrament. Ikun hemm ukoll il-grupp tal-parroċċa fejn imexxu ħin ta' adorazzjoni u jibqa' hemm sa kemm noħorġu bil-purċissjoni.
Fil-5.30pm purċissjoni bis-Sagrament li tgħaddi minn dawn it-toroq:
Triq Burmarrad, Triq San Pawl Milqi, Triq Patri Wistin Magro, il-parti t'isfel ta' Triq Magħsar għal fuq iz-zuntier tal-knisja Kif tidħol il-purċissjoni tingħata l-Barka Sagramentali u wara toħrog il-Quddiesa tas-7.00pm.
Illum ukoll il-Kumitat tal-Festa joħroġ jagħmel il-ġabra għal-festa titulari tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija. **Inkunu ġenerużi.**
**Grazzi ta' l-għotja tagħkom.**

**Il-Ħadd 21:** **Jum il-Missier**
**Bidu tal-attivitajiet tal-festa tal-parroċċa bil-ħruġ tal-Istatwa min-niċċa.**

**Segwi l-programm kollu tal-festa billi żżur il-paġna elettroniku: Programm Tal-Festa 2009**

# Il-Famużi Eżamijiet

Reġa' wasal Ġunju dak ix-xahar magħruf mal-istudenti kollha, u nistgħu ngħidu wkoll ma' ħafna ġenituri għal dawk il-famużi eżamijiet! M'għandniex xi ngħidu, bħal ħafna affarijiet oħra fil-ħajja, l-eżamijiet ma jaffettwawx lil kulħadd l-istess. Ikun hawn studenti, kbar u zgħar, li veru jħarsu lejn l-eżamijiet bħala sors ta' tensjoni u dwejjaq, fil-waqt li jkun hawn oħrajn li lanqas biss jagħtu kashom.

Ovvjament jekk ser nieħdu l-grupp tal-aħħar, jiġifieri dawk li lanqas jagħtu kas li għandhom l-eżamijiet, wieħed irid jaħseb ftit għaliex ħafna drabi nsibu li dawn l-istudenti jkunu qatgħu qalbhom mill-affarijiet akkademiċi, jafu li mhux se jgħaddu u allura ma jibqgħux jagħtu kas. Din mhijiex sitwazzjoni tajba u ħafna ġenituri ta' dawn it-tfal u żgħażagħ bir-raġun li ma jkunux kuntenti b'dan il-fatt.
Mill-banda l-oħra dawk l-istudenti li l-eżamijiet jagħmlu bihom ġeneralment ikunu studenti illi jorbtu valur mal-edukazzjoni akkademika. Ikunu studenti li jimpurtahom minn kif imorru fl-eżamijiet. Ħafna drabi dawn ikunu studenti illi jippreparaw ruħhom għall-eżamijiet, imma għalkemm jagħmlu dan, xorta meta jaslu l-eżamijiet jinħakmu minn tensjoni. Fil-fatt mill-esperjenza tiegħi mal-istudenti ninduna illi ħafna drabi l-aħjar studenti huma dawk li l-aktar jibżgħu meta jaslu l-eżamijiet.

Bħal kull sitwazzjoni li l-ulied iħabbtu wiċċhom magħha fil-ħajja, il-ġenituri għandhom rwol importanti ma' dawn l-ulied illi jkunu jinħakmu minn biża' u tensjoni meta jaslu l-eżamijiet. Huwa mportanti ħafna li bħala ġenituri *nżommu ruħna kalmi*, u mhux nippanikkjaw aktar mit-tfal infushom. Jekk l-ulied jaraw li l-ġenituri tagħhom huma kalmi f'din is-sitwazzjoni dan jgħin biex inissel fihom sens ta' sigurta' u serħan il-moħħ u jkun hemm ċans illi huma wkoll jikkalmaw xi ftit.

Il-ġenituri huma mportanti wkoll sabiex jgħinu lill-ulied isibu sens ta' bilanċ fil-ħajja tagħhom ta' studenti, aktar u aktar meta joqorbu l-eżamijiet – la hu tajjeb illi t-tfal ikunu qed jistudjaw il-ħin kollu u lanqas illi ma jkunux qed isibu ħin biex jippreparaw għall-eżamijiet. B'hekk il-ġenituri jistgħu jgħinu lit-tfal *iqassmu l-ħin tagħhom*.
Il-ġenituri għandhom rwol importanti wkoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-fiduċja li juru li għandhom fit-tfal tagħhom. B'hekk ikun importanti ħafna li nuru lit-tfal li *nemmnu fihom u fil-kapaċitajiet tagħhom.*
Fl-aħħar nett il-ġenituri għandhom ukoll id-dmir li jaċċertaw ruħhom illi uliedhom qed jieklu tajjeb u jorqdu sew f'dan iż-żmien tal-eżamijiet. Mhux l-ewwel darba li ltqajt ma' studenti li jirqaqu fi żmien l-eżamijiet għax ma jkunx qed jirnexxilhom jieklu minħabba t-tensjoni, jew oħrajn li ma jkunux qed jorqdu minħabba l-eżamijiet. F'ċertu każijiet ġieli jkun hemm bżonn għajnuna professjonali, iżda fil-maġġoranza tal-każijiet jekk l-istudent isib ftit sapport minn persuni tal-familja ikun jista' jgħaddi minn dan il-perjodu mingħajr ħafna diffikultajiet.

Fl-aħħarnett, ***Awguri lil dawk l-istudenti kollha li ser jagħmlu xi eżamijiet!***



## Rokna għat-Tfal — ĠUNJU

Kif intom tfal? Nispera li intom tajbin. Dan ix-xahar iġib miegħu l-eżamijiet li juru spiċċat sena oħra ta' skola. Imbagħad, wara ħafna studju, niddevertu ftit meta niċċelebraw il-festa tal-patruna ta' dan ir-raħal. F'Burmarrad niċċelebraw il-festa tal-**Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija**.
Din dejjem tiġi fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju.

Il-festa ġġib magħha ferħ u briju. Fiha ngawdu ħafna affarijiet sbieħ u nifirħu flimkien. Minn ħafna ġimgħat qabel jibdew il-preparamenti. Il-kappillan jipprepara l-attivitajiet li jsiru fil-Knisja. Anke' l-Knisja tkun imżejna ħafna sabiħ. Meta tinħareġ il-vara minn niċċa, ħafna nies quddiemha jpoġġu bukketti sbieħ ta' fjuri friski. Dik il-ġimgħa tal-festa jkun hemm quddiesa apposta għat-tfal u tkun ħaġa sabiħa jekk intom it-tfal tattendu u titqarbnu. L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa jkun hemm quddiesa bi priedka dwar il-ħajja ta' l-Patruna. Dawn it-tlitt ijiem insejħulhom it-**Triduï**. B'hekk in-nies jitgħallmu aktar dwar il-ħajja tal-Madonna.

Kulħadd ikun ħafna mħabbat matul dan ix-xahar. It-toroq ikunu mżejnin bil-liedna, pavaljuni u bozoz. Intom it-tfal tieħdu ħafna gost tmorru wara l-banda. Din iddur mat-toroq ta' Burmarrad u ddoqq ħafna marċi u innijiet sbieħ. Meta jgħaddu l-bandisti ħafna tfal iwaddbu l-karti kkuluriti biex iżidu mal-briju.

Anke' l-mama tkun imħabbta ħafna. Minn jiem qabel tibda tnaddaf id-dar u taħseb x'ikla speċjali ser issajjar. Hi tħit jew tixtri ħwejjeġ sbieħ biex b'hekk il-familja żżanżan ilbies ġdid għal din l-okkazjoni. Kulħadd ikun ferħan u entużjast.

Tfal, fil-ġranet tal-festa, aktar mis-soltu għandna nħossuna u nġibu ruħna bħala familja waħda li qed ngħixu flimkien fil-Paroċċa tagħna.

**Good luck** — **għall-eżamijiet** u nawguralkom li tgawdu l-festa mingħajr ma tweġġgħu!!

## TAJJEB TKUN TAF

**Min jixtieq jagħmel bukkett ta' fjuri lill-Madonna fl-okkażjoni tal-festa għandu jkellem lill-Kappillan. Kull bukkett jiswa € 30.**

**Dan ix-xahar ser jerġa' jibda l-grupp tal-adoloxxenti, li kien waqaf fix-xitwa minħabba l-ħinijiet tal-MUSEUM. L-eta' hija minn 9 snin sa 12-il sena u niltaqgħu kull nhar ta' Ġimgħa. Dettalji iżjed tard fl-avviżi tal-Knisja.**

**Is-Sibt 20 u l-Ħadd 28 ta' Ġunju 2009 huma jiem ta' Preparazzjoni għall-festa tal-Parroċċa.**
**Programm dettaljat issibuh fil-programm tal-festa li jitqassam kull bieb mill-kumitat tal-festa jew fuq is-sit elettroniku tal-parroċċa.**

### Skola Sajf – Burmarrad.



**Matul is-sajf ser jerġa jkollna SKOLA SAJF. Biex tirreġistra 'l uliedek jew biex taf aktar kellem lill-kappillan.**